**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 999/97

Joseph Sammut

vs

Gvernatur tal-Bank Centrali ta' Malta

Illum 12 ta' Lulju, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn l-1989 u l-1992 huwa sofra ingustizzja f'li nghata kariga ta' Acting Executive soggetta ghal perijodu ta' prova ta' sitt xhur f'dipartiment totalment estranju ghal

kapacitajiet u kwalifiki akkademici u professjonali tieghu b'konsegwenza li wara l-perjodu ta' prova l-kariga giet irtirata. Inoltre fl-istess perjodu gie mcahhad minn sponsorship tal-Bank centrali ghal studji li kellu jwassal ghall-grad ta' Master of Business Administration. Inoltre fl-istess perjodu, wara li bdejt fuq inizjattiva u finanzjarjament personali li l-grad ta' Master of Science gie mcahhad minn leave u incentivi ohra li jinghataw lill-impjegati lill-impjegati tal-Bank Centrali ta' Malta.

Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor kienu kif gej:

Kien impjegat mal-Bank Centrali bhala skrivan fis-6 ta' Mejju 1976. Fl-1982 dahal l-Universita' taht l-iskema Student Haddiem biex insegwi l-kors ta' Accountant. Fl-1987 iggradwa u nghata il-promozzjoni ghall-Assistant Executive. Fl-1988 inghata il-warrant mill-Ministru tal-Finanzi biex ipprattika l-professjoni ta' Accountant. Fl-1990 temm b'success l-ezamijiet professjonali kollha bankarji tac-Chartered Institute of Bankers ta' Londra u gie elett Membru Assocjat.

Fl-istess perjodu hargu applikazzjonijeit fil-bank centrali ta' Malta ghal sponsorship li kellu jwassal impjegat tal-Bank Centrali ta' Malta ghall-grad ta' Master of Business Administration. Hu applika u qaghad ghal intervista. Inghazel il-Kap tad-Dipartiment tar-Rizorsi Umani biex isegwi dan il-kors.

Fuq inizjattiva personali beda jsegwi l-kors ta' Master of Science mill-Universita' ta' Bristol fir-Renju Unit. Kellu bzonn jattendi l-Universita' ghal diversi blokki ta' perjodi. Ghamel diversi applikazzjonijiet u memoranda ill-Gvernatur tal-Bank Centrali ta' Malta biex jinghata leave bi hlas jew xi forma ta' ghajnun ohra. It-twegiba f'kull kaz kienet tkun fin-negattiv.

Fl-1991 ghall-ewwel darba fl-istorja tal-Bank Centrali ta' Malta il-promozzjoni mill-grad li kien fih ghal grad superjuri giet soggetta ghal sensiela ta' ezamijiet. Ha sehem f'dawn l-ezamijiet. Ir-rizultati taghhom qatt ma gew publikati. Inghata il-kariga ta' acting Executive soggetta ghal perijodu ta' sitt xhur prova fid-Dipartiment tal-Kompjuters. Dan kien Dipartiment totalment estranju ghall-kapacitajiet u kwalifiki akkademici u professjonali tieghu. Qatt ma nghata l-opportunita' li jsegwi korsijiet f'dan il-qasam gdid ghalih. Wara l-perjodu ta' prova il-kariga giet irtirata.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzi u li jinghata rimedju

billi jigi ordnat illi tigi kkonfermata l-kariga li giet irtirata u li jigi kkumpensat ghal dak kollu li gie mtellef skond kif jiddeciedi t-Tribunal jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas lilu kumpens f'ammont ta' Lm5000.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Gvernatur tal-Bank Centrali ta' Malta li eccepixxa:

1. Illi dan it-Tribunal ma huwiex kompetenti biex jiehu konjizzjoni ta' dan il-kaz ghat-tenur tal-Artiklu 6(2) tal-Att Nru VIII tan-1997.

2. Illi minghajr pregudizzju tal-premess dan il-kaz kien jifforma il-meritu ta' zewg proceduri u cioe' wahda quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili li gew decizi.

3. Illi fil-kaz quddiem it-Tribunal industrijali "Joseph Sammut vs Central Bank of Malta" (Kaz Nru 689) dan it-Tribunal fit-3 ta' frar 1993 iddeceida illi t-terminazzjoni tal-impieg ta' Joseph Sammut minn mas-Central Bank kienet **ingusta** u ghalhekk ordna lis-Central Bank ihallsu s-somma ta' Lm5010 bhala kumpens ghat-telf ta' dan l-impieg tieghu.

4. Illi nonostante l-imsemmija decizjoni li hija “res judicata” r-rikorrent intavola kawza ohra fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet ‘Joseph Sammut vs Bank Centrali ta’ Malta’ (Citaz Nru 826/94AM) fejn talab illi c-Central Bank ihallsu gratuity u beneficcji orha minhabba t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu fuq imsemmi.

5. Illi l-Qorti b’sentenza mghotija fis-16 ta’ Gunju 1995 iddecidiet il-kawza billi iddijarat ruhha inkompetenti a tenur tal-artikolu 28 (1) tal-Kap 266 u astjeniet ruhha milli tiehu konjizzjoni tal-kawza billi rriteniet illi l-imsemmi artiklu jikkonferixxi gurisdizzjoni esklussiva lit-Tribunal Industrijali li jiddeciedi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ngusta u huwa biss dan it-Tribunal li jista jikkunsidra kazijiet simili.

6. Illi ghalhekk mill-premess jirrizulta ampjament car illi l-meritu tar-rikors odjern gie trattat u deciz u mhux permessibbli li jerga jinfetah quddiem Tribunal iehor, u dan apparti l-fatt illi ma saret l-ebda ingustizzja mar-rikorrent kif qieghed jallega.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi din hi decizzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni u cioe' dwar l-eccezjoni li dan it-Tribunal ma huwiex kompetenti biex jiehu konjizzjoni ta' dan il-kaz ghat-tenur tal-Artiklu 6(2) tal-Att Nru VIII tan-1997.

**PROVI:**

Illi l-intimat eccepixxa din l-eccezzjoni minhabba d-dispost tal-artiukolu 6 (2) li jghid li :

"It-Tribunal ma ghandux jaccetta li jezercita s-setghat tieghu taht dan l-artikolu f'kull kaz fejn ikun gie investigat ilment dwaru quddiem il-Kummissjoni mwaqqfa taht l-Att dwar l-Investigazzjoni ta' Ingustizzji jew li dwaru jkun tressaq kaz quddiem xi Qorti."

Irrizulta mid-dokumenti ezibiti li r-rikorrent mar quddiem it-Tribunal Industrijali ***dwar it-tkeccija tieghu*** minn mal-Bank Centrali.

Inoltre mar il-Prim Awla [ u Qorti tal-Appell] dwar ***l-gratuity u beneficcji ohra li kien intitolat ghalihom, bilanc ta' allowances dovuti lilu, entitlement tas-sick leave.***

Ghalhekk certament li r-rikorrent ma jistax jitlob fuq dawn l-affarijiet quddiem dan it-Tribunal.

Irrizulta li l-ilment odjern tar-rikorrent jirrigwarda:

1. Il-fatt li huwa kien tpogga f' section li ma kenitx addattata ghall-kwalifiki, ghall-kompetenzi u ghax-xjenza tieghu. Hu kien inghata kariga ta' acting hemmhekk li mbaghad tnehhietlu meta rega' tpogga fis-section li kien fiha precedentement;
2. Illi gie rifjutat lilu l-fakulta` li jaghmel kors fil-Masters;
3. Illi huwa a differenza ta' haddiehor, ma nghatax paid study leave sabiex isegwi dak il-kors meta aktar 'il quddiem ser ingibu provi ampji li haddiehor nghata dik il-fakulta.

Nibdew b'dawk imsemmija fit-2 u 3 hawn fuq u cioe' illi gie rifjutat lilu l-fakulta` li jaghmel kors fil-Masters, u li ma nghatax paid study leave. Dawn certament mhux ta' kompetenza tat-Tribunal. Hawn it-Tribunal sejjer jikkwota minn sentenza tat-Tribunal fl-ismijiet "Joseph Barbara vs Med Serv Limited et" deciza fl-10 ta' Mejju, 1999 fejn intqal:

"Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent. Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid…

F’dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta’ l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba’ rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatti l-istess artikolu 6 ta’ dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f’dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu

kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) (c) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi….

Dan l-ilment ghalhekk ma huwiex ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal. L-istess pricipju gie applikat fil-kazi deciz mit-Tribunal fil-kaz ta' Godfrey Harmsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 li kien jikkoncerna hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni, fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk

Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna Bonus kif ukoll allowances", fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna l-ghoti ta' medalja, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna kwistjoni dwar leave, J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna nuqqas ta' hlas ta' paga..."

Ghalhekk jirrizulta manifest li rifjut tal-fakulta` li jaghmel kors fil-Masters, u li ma nghatax paid study leave ma humiex ta' kompetenza tat-Tribunal, u ghal dawn jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat li dan it-Tribunal mhux kompetenti ***ratione materiae.***

Jibqa' li wiehed jezamina jekk il-fatt li r-rikorrent tpogga f' section li ma kenitx addattata ghall-kwalifiki, ghall-kompetenzi u ghax-xjenza tieghu, liema kariga ta' acting mbaghad tnehhietlu meta rega' tpogga fis-section li kien fiha precedentement hijiex ta' kompetenza tat-Tribunal. Dan hu kopert mill-Kap 394 taht hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti imsemmija fl-artikolu 6 (1). Dejjem dak li jirrigwarda t-tkeccija u kull kumpens dovut ghaliha gja gie deciz mit-Tribunal Industrijali.

Ghalhekk il-provi tar-rikorrent ghandhom ikunu limitati biss ghal dan l-aspett. Tiddifferixxi l-kawza ghall-provi tar-rikorrent dwar dan ghal

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.